MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Mandat Numru. 285/2014/1

**Lorraine Vella Calleja**

**vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tal-5 ta’ Novembru 2014 ta’ Lorraine Vella Calleja kontra zewgha Joseph Vella biex ma jitrasferix jew jiddisponi mill-proprjeta immobbli f’Malta liema proprjeta hi parafernali tal-intimat. It-talba qed issir biex jigu kawtelati d-drittijiet tar-rikorrenti fuq sehemha mill-komunjoni

tal-akkwisti pendenti l-kawza ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Ir-rikorrenti isostnu illi l-uniku assi li hawn Malta hi l-proprjeta immobbli imsemmija fir-rikors billi l-assi mobbli konsistenti f'fondi finanzjarji huma fil-kontroll esklussiv tal-intimat u jinsabu f'banek Germanizi.

L-intimat oppona ghal tali mandat fuq bazi preliminari peress illi r-rikorrenti ma ikkwantifikatx il-pretensjoni taghha kif tassativament mitlub skond l-artikolu 832 tal-Kap. 12 u b'hekk ippregudikat lil intimat milli juzufruixxi mir-rimedji kontemplati mill-ligi stess ghal revoka f'kaz li l-Qorti tilqa' t-talba ghal hrug tal-mandat. In oltre fil-mertu r-rikorrenti dejjem naqset anki fil-proceduri bejniethom li tikkwantifika l-pretensjoni taghha.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Hu pacifiku illi r-rikors ma jikkwantifikax il-kreditu jew pretensjoni tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti waqt it-trattazzjoni sahqet li mhix f'pozizzjoni taghmel dan ghax ilha aktar minn sena li tnehhitilha l-prokura fuq il-kontijiet bankarji esteri.

Din il-Qorti tqis illi l-mandati kawtelatorji ghandhom jircevu interpretazzjoni ristretta u ma ghandhomx jigu la uzati b'mod legger jew aktar minn hekk b'mod abusiv.

Din it-talba saret ai termini tal-artikolu 874(1) tal-Kap. 12 fejn il-kreditur ikun qed jipprova jikkawtela kreditu jew dritt iehor ta' mhux anqas min €11,647. Hu applikabbli ghal mandat ta' inibizzjoni d-dispozissjonijiet tal-artikolu 829 sa 844. L-artikolu 832 jistipula taht piena ta' nullita tal-att innifsu illi l-kreditur ta' debitu jew pretensjoni ohra li tista tigi sodisfatta bi hlas ta' somma, li jispecifika fil-mandat l-ammont approssimativ tal-kreditu.

Din il-Qorti tqis li tali artikolu hu mandatarju billi l-istess ligi timponi s-sanzjoni ta' nullita jekk ebda ammont approssimattiv ma jigi indikat bhala l-kreditu dovut. Hu car illi t-talba tar-rikorrenti hi ghal kreditu kwantifikabbli fi flus. Fil-fehma tal-Qorti mhix raguni valida li jigi sottomess l-argument li r-rikorrenti ma ghandhiex kontroll fuq il-kontijiet bankarji esteri. Ir-rikorrenti setghet, jekk riedet tkun preciza fl-ammont mitlub, li tirrikorri ghal mandat ta' deskrizzjoni, li kif milqugh f'Malta, jista' jigi enforzat f'pajjiz fl-Unjoni Ewropea. In oltre sa sena ilu jidher li kellha prokura u ghalhekk hu probabbli li kellha ideja tal-ammontar fil-kontijiet bankarji. Il-mandat del resto jitlob bhala rekwizit somma approsimativa tal-kreditu u mhux li tintrabat mal-ammont mitlub f'mandat fi proceduri fil-mertu kif jidher li gia hemm pendenti bejn il-partijiet.

In oltre l-mankanza ta' dikjarazzjoni tal-pretensjoni kwantifikata da parti tar-rikorrenti jaghmilha difficli hafna ghall-intimat, fl-ipotesi li tali mandat jigi milqugh, illi jitlob ir-

revoka tieghu a bazi tal-artikolu 836(1)(c), (d) u (f) liema ragunijiet huma fost l-unici mis-sitt ragunijiet ghal revoka ta' mandat kawtelatorju.

**Decide**

Din il-Qorti tqis illi t-talba maghmula b'tant generalita ma tissodisfax il-voti tal-ligi anzi tmur kontra dak li jrid l-artikolu 832 tal-Kap. 12 u ghalhekk qed tichad it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni peress illi r-rikorrenti naqset li tispecifika l-ammont approssimattiv tal-kreditu dovut lilha. Spejjez ghar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------